# Il-Ħadd 07.09.2014

1. It-Tnejn 8/09 hija l-Festa tat-Twelid tal-Madonna - Il-Bambina:
   - Bħala nsara tajjeb li nqaddsu dan il-jum bis-sehem tagħna fil-quddiesa, li tkun fl-istess ħinijiet ta' matul il-ġimgħa.

2. It-Tlieta 9/09 ser issir Laqgħa tal-Kummissjoni Kateketika fis-7:15pm fl-Uffiċċju Parrokkjali. Il-Katekisti kollha tal-Parroċċa huma mitluba jattendu.

3. Il-Ħamis 11/09 ser ikollna ħarġa għal Għawdex. Tluq fis-6:15am. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

4. Is-Sibt 13/09 imiss il-laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru. Din ser issir fil-knisja ta' San Pawl Nawfragu, Valletta, u tibda b'quddiesa fid-9:00pm, bl-adorazzjoni ddum sal-11:00pm.

5. Is-Superjuri tal-MUSEUM, subien u bniet, javżaw li dawk il-ġenituri li jixtiequ jiktbu lil uliedhom għad-duttrina għall-ewwel darba, għandhom jieħdu magħhom iċ-ċertifikat tal-Magħmudija li jinkiseb mill-uffiċċju parrokkjali tal-knisja fejn irċevew il-Magħmudija uliedhom. Il-jiem tad-duttrina fil-Parroċċa tagħna ser ikunu hekk:

| | | |
|---|---|---|
| **Subien:** | *Mill-Yr 1 sal-Yr 5*: | It-Tnejn u l-Ħamis<br>bejn il-5:30pm u s-6:25pm |
| | *Mill-Yr 6 'il fuq*: | Kuljum (inkluż s-Sibt u Ħadd) barra l-Erbgħa<br>bejn is-7:00pm u t-8:00pm. |
| **Bniet:** | *Yr 1, Yr 3, Yr 5 u Fm1*: | It-Tnejn u l-Ħamis<br>bejn il-5:00pm u s-5:45pm |
| | *Yr 2, Yr 6, u Fm2*: | It-Tnejn u l-Ħamis<br>bejn il-6:00pm u s-6:45pm |
| **Bniet:** | *Yr 4 u minn Fm3 'il fuq*: | It-Tlieta u l-Ġimgħa<br>bejn il-5:45pm u s-6:30pm. |

6. Is-Superjur tal-MUSEUM tas-Subien talabni wkoll inwasslilkom dan l-avviż għal għajnuna: Ser jinbidlu parti mit-truf tal-bitħa tal-Museum, kif ukoll ser tissaqqaf permezz ta' xibka. L-ispiża tidher li ser tlaħħaq l- € 1,500. Min jista' joffri l-għajnuna tiegħu javviċina lil xi membru. Waqt li jirringrazzjawkom bil-quddiem iwiegħdukom it-talb tagħhom.

7. Matul il-ġimgħa tal-festa ġbarna:
   - € 318 mill-ġbir li sar fil-Ħruġ min-Niċċa;
   - € 138 mill-ġbir li sar fil-Jiem tat-Tridijiet;
   - € 548 mill-ġbir li sar f'Jum il-Festa;
   - € 977 mill-ġabra li saret fid-Dħul tal-Purċissjoni;
   - € 360 bħala donazzjonijiet b'risq l-Arbural tal-Festa;
     li hekk b'mod totali laħaq is-somma ta' € 6,360;
   - € 40 b'risq l-insara tal-Iraq, biex hekk ser nagħtuhom € 650.

   Grazzi mill-qalb u prosit lil kulħadd.